MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Numru. 830/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Julian Sultana**

Illum 9 ta' April 2013

Distrett Kaz Nru 830/12

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Julian Sultana,** ta' tnejn u hamsin (52) sena, iben Julian u Rosaria neé Portelli, imwieled Xaghra, Ghawdex, nhar it-18 ta' Marzu 1960, residenti Ta' Giljan u Ta' Rosaria, Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex, u detentur tal-Karta ta' l-

Identita' bin-numru 17060G, akkuzat talli fis-17 ta' Settembru 2012, ghal habta tat-tlieta u ghaxra ta' wara nofsinhar (15.10hrs) fi Triq Marsalforn, fix-Xaghra Ghawdex gewwa postijiet ohra f'dawn il-gzejjer:

1. bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ta' Simon Galea (ID No. 271669M) kif ukoll fil-kariga tieghu ta' ufficjal pubbliku bhala Supretendent tal-Pulizija weggaw bi kliem, b'gesti, b'kitba jew b'xi mod iehor.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi kollha.

Rat l-Artiklu indikat (Dok. "FT 6").

Rat li, fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2012, id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tharrek lill-Editur, stampatur jew xi rapprezentant iehor tal-gazzetta "L-Orizzont" u dana sabiex jixhed rigward Dok. "FT 6".

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda Artiklu (Dok. "FT 6") li deher fil-gazzetta "L-Orizzont", liema Artiklu gab is-segwenti titlu: *"Allegazzjonijiet serji dwar ufficjal tal-Pulizija f'Ghawdex"*. B'tipi akbar u aktar skuri, kien hemm titlu iehor li jghid hekk: *"Baqa' jigi biex jerda' ghalih personali"*.

Illi, qabel il-Qorti tidhol fil-mertu tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, ikun san li l-Qorti tindika s-segwenti. Mill-provi prodotti rrizulta kif l-imputat ghamel xi xoghol ta' rham fl-Ghassa tal-Pulizija fir-Rabat, Ghawdex u kif ukoll kien ghamel xi xoghol personali lill-parti leza, is-Supt. Simon Galea. Irrizulta li fit-13 ta' Settembru 2012, il-Pulizija tal-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex waslitilhom informazzjoni dwar periklu serju li kien hemm f'mahzen [tal-imputat] miftuh fejn hemm mahzun irham, granit u materjal iehor li kien qed jithalla fit-triq. Wara xi jiem regghu marru fuq il-post il-Pulizija u kien hemm l-imputat li, skond ir-rapport tal-Pulizija redatt mis-Surgent PS 342 Johan Said, qal is-segwenti kliem: *"Jien mhux qed*

*inwahhal fik Surgent imma ta' fuqek xeba' gej u sejjer kuljum minn hawn biex jiehu xoghol ghall-Ghassa b'xejn u baqa' jigi biex jerda ghalih personali sa x'hin jiehu li ried u lili qatt ma' qalli xejn dwar l-affarijiet li hawn hawn barra"* (Dok. "FT 1"). L-istess rapport spicca fl-artiklu fil-gazzetta "L-Orrizont", liema artiklu sar riferenza ghalih hawn fuq, f'liema artiklu jinghad hekk: *"Kien hawn li Julian Sultana ghamel allegazzjoni serja fil-konfront ta' ufficjal tal-Pulizija li skond is-sorsi taghha kien qed jirreferi ghas-Supretendent Simon Galea"* (Dok. "FT 6"). Ghaldaqstant, ittiehdu l-proceduri kriminali odjerni fil-konfront tal-imputat.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2012, gie dikjarat is-segwenti: *"Il-parte civile taghmilha care illi bl-ebda mod ma hi twahhal jew timplika lill-akkuzat li kien hu li gab dak l-artiklu fil-gazzetta".* Apparti l-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tal-imputat, il-misteru jibqa' kif ir-rapport tal-Pulizija spicca rapportat fuq il-gurnal imsemmi. Il-Qorti taghmilha cara, li r-rwol taghha f'din il-kawza m'huwiex dak investigattiv – fis-sens li m'huwiex ir-rwol taghha li tara kif ir-rapport tal-Pulizija spicca fil-gurnal pero r-rwol taghha huwa dak li tara jekk dak li qed jigi akkuzat bih l-imputat giex sodisfacentement ippruvat jew le.

Illi, mill-provi akkwiziti, irrizulta kif is-Surgent 342 Johan Said li hejja r-rapport Dok. "FT 1" kien gie investigat mis-Supt. Simon Galea xi zmien ilu. Ikkonferma li hu u s-Supt. Simon Galea jitkellmu biss fuq xoghol u li hu m'ghandux relazzjoni tajba mas-Supt. Simon Galea. Da parti tieghu, is-Supt. Simon Galea jrid li, in segwitu tal-Artiklu in kwistjoni, bil-kawza odjerna jitnaddaf isem il-Korp tal-Pulizija. Is-Supt. Simon Galea kkonferma li hu u s-Surgent 342 Johan Said ma jitkellmux hlief fuq xoghol.

Illi, da parti taghhom, PC 774 Anthony Calleja u PC 395 Joseph Azzopardi, li marru fuq il-post flimkien mas-Surgent 342 Johan Said meta gie mhejji r-rapport in kwistjoni, xehdu li l-imputat ma kien semma l-ebda ismijiet. Jghidu li kienu f'distanza qasira mill-imputat u mis-Surgent 342 Johan Said meta dawn bdew jitkellmu. PC 395 Joseph Azzopardi jghid li l-imputat ghamel xi riferenza ghal ta' fuqhom pero ma elaborax x'intqal.

## Ikkunsidrat

Illi, da parti tieghu, l-imputat cahad katergorikament li huwa kien qal li s-Supt. Simon Galea kien imur *"jerda' ghalih personali"*. Meta mistoqsi jghid jekk fil-konfront tas-Supt. Galea kienx qal xi diskors li kien qed imur ghandu biex *"jerda' ghalih personali*", wiegeb hekk: *"Personali le. Hu kull meta tela' dejjem ghall-gid tal-Ghassa"*.[1] L-imputat ikkonferma li kien ghamel xi xoghol personali lis-Supt. Galea u li kien sar ftehim fuq kif kellu jsir il-pagament. Mistoqsi: *"Jigifieri int xoghol personali b'xejn ghamilt xi darba lis-Sur Galea?"*, l-imputat wiegeb: *"Le, le, xejn. Xejn, le"*.[2] Mistoqsi jghid jekk kellux x'jaqsam mal-pubblikazzjoni tal-Artiklu in kwistjoni, jghid li kien siefer mal-ewwel.[3] Meta, in kontro-ezami, gie mistoqsi x'kellu xi jghid dwar il-fatt li s-Surgent kien akkumpanjat minn zewg ufficjali ohra PC 774 u PC 395, u li wiehed minnhom xehed li kien vicin taghhom u setgha jisma dak li kien ghaddej, wiegeb: *"Ma nafx ta' jien. Ahna konna. […] Kienu daqxejn mbeghdin imma mhux jigifieri mieghi ezatt. […] Ifhimni, tharrku daqxejn jigifieri, ghax ma kienx kulhadd hekk, qeghdin ma' xulxin. Min mar mal-karrozza l'hinn, min mar mal-karrozza 'l hinn"*.[4] Jghid li fl-ebda mument ma xi hadd minnhom gholla lehnu.

Illi, jirrizula li wara li gie pubblikat l-Artiklu fil-gurnal "L-Orrizont" (Dok. "FT 6"), kienet giet ipprezentata, fost l-ohrajn, ittra ufficjali fid-9 t'Ottubru 2012 ghan-nom tas-Supt. Simon Galea fil-konfront tal-imputat (Dok. "SG 1"), u li fit-22 ta' Ottubru 2012, l-imputat wiegeb permezz ta' ittra responsiva fejn qal hekk:

---

[1] Seduta tat-8 ta' Jannar 2013.

[2] Seduta tat-8 ta' Jannar 2013.

[3] Illi fl-istqarrija (Dok. "FT 2") rilaxxata mill-imputat, l-imputat wiegeb fuq l-istess linji tant li meta, fl-istqarrija, rega' gie mistoqsi: *"Igifieri int fejn is-surgent nizzel fir-rapport li inti ghidtlu li ta' fuqek baqa' jigi biex jerda ghalih personali inti tichad li ghidtlu hekk?"*, wiegeb: *"Nghid li jiena ma ghedtlux hekk, jiena il-kelma personali ma semmejtha qatt. Filfatt jiena ghandi l-ircevuti tax-xoghol tad-dar tieghu u ma kelliex ghalfejn nghid dak id-diskors"*.

[4] Seduta tat-8 ta' Jannar 2013.

"i. Huwa qatt ma qal xi diskors fis-sens li inti personalment hadt xi vantagg indebitu ta' kwalsiasi xorta minghandu jew minghand xi kumpannija tieghu. Ghall-kuntrarju huwa jikkonferma li tax-xoghol li huwa, jew ahjar il-kumpannijia tieghu "Julian Sultana & Co. Limited", ghamel lilek personalment u privatament, huwa thallas jew ser jithallas *in full*. […]
ii. Il-mittenti jsostni li huwa gie interpretat hazin minn min seta' forsi kellu interessi ulterjuri u agenda mohbija. Tant huwa hekk li l-mittenti rrefera biss ghal xoghol li huwa ghamel gratuwitament fl-Ghassa tal-Pulizija, Victoria, u mhux fl-interess tieghek personali imma fl-interes tal-Korp tal-Pulizija.

iii. Jekk, minkejja dan kollu, ghad fadal lok ta' xi ambigwità fid-dikjarazzjonijiet tieghu, il-mittenti jiddikjara li tali ambigwità certament ma kienitx intenzjonata da parti tieghu, u ghaldaqstant, filwaqt li formalment jirtira kull insinwazzjoni li setghet tirrizulta involontarjament minn tali ambigwità, jitlob skuza ta' kull inkonvenjent li seta' nholoq lilek".

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak kollu li nghad hawn fuq, apparti l-fatt li l-Qorti ma jirrizultaliex li effettivament is-Supt. Simon Galea kien imur ghand l-imputat biex *"jerda' ghalih personali"*, il-Qorti mhijiex sodisfatta li l-imputat kien effettivament qal il-kliem li hemm imnizzel fir-rapport tas-Surgent 342 Johan Said fil-konfront ta' xi hadd partikolari, u b'mod partikolari fil-konfront tas-Supt. Simon Galea. Ghaldaqstant, jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Il-provi li hemm fl-atti ghalhekk ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat. Il-misteru jibqa' kif dan ir-rapport spicca fuq il-gurnal "L-Orrizont".

Illi, minkejja d-diversi ipotesijiet u kongetturi ta’ kif dan ir-rapport spicca fuq il-gurnal, zgur li l-Qorti m’ghandhiex taghmel tali ipotesijiet u kongetturi u dana *stante* li, kif diga nghad qabel, m’huwiex ir-rwol tal-Qorti odjerna li tinvestiga kif ir-rapport tas-Surgent Said spicca fuq il-gazzetta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’hekk tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------